MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 461/2005

Kawza fil-lista: 9

**APS Bank Limied**
**Vs**
**Renzo Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha socjeta' attrici ppremettiet:

Peress illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon tas-seba (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) (Dok A), il-Bank attur kkonceda lill-konvenut facilita' ta' overdraft sas-somma ta' ghaxart elef Lira Maltija (Lm10,000) u dana taht il-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-istess kuntratt.

Peress illi permezz ta' kuntratt iehor fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon ukoll tas-seba (7) ta' Marzu tas-sena elfjn u tlieta (2003) (Dok B) il-Bank attur kkonceda b'titolu ta' self lill-konvenut is-somma ta' hamsa u sebghin elf Lira Maltija (Lm75,000) u dana taht il-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-istess kuntratt.

Peress illi ghalhekk illum il-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' disghin elf u mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltija u seba u sittin centezmu (Lm90,225.67) dovuta in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin elf tlett mija u hamsa u tletin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm75,335.83) bhala bilanc ta' debitu  ta' 'Loan Account' Numru 20000062495 [Dok C] u in kwantu ghas-somma ta' disat elef sitt mija tmienja u sittin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm9,668.50) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Overdraft Account' Numru 20000044340 [Dok D], u in kwantu ghas-somma ta' erbat elef tmien mija u ghoxrin Lira Maltija u sbatax il centezmu (Lm4,820.17) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 20000172189 (Dok E), u kwantu ghas-somma ta' erba' mija u wiehed liri Maltin u sbatax il centezmu (Lm401.17) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 20000172190 (Dok F), u dana oltre interessi ulterjuri b'effett mit-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

Peress illi ghalkemm debitament interpellat biex jhallas l-imsemmi debitu, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru 2004 (Dok G), il-konvenut baqa inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghadhiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma komplessiva ta' disghin elf u mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltija u seba u sittin centezmu (Lm90,225.67) dovuta in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin elf tlett mija u hamsa u tletin Lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm75,335.83) bhala bilanc ta' debitu

ta' 'Loan Account' Numru 20000062495 [Dok C] u in kwantu ghas-somma ta' disat elef sitt mija tmienja u sittin Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm9,668.50) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Overdraft Account' Numru 20000044340 [Dok D], u in kwantu ghas-somma ta' erbat elef tmien mija u ghoxrin Lira Maltija u sbatax il centezmu (Lm4,820.17) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 20000172189 (Dok E), u kwantu ghas-somma ta' erba' mija u wiehed liri Maltin u sbatax il centezmu (Lm401.17) bhala bilanc ta' debitu ta' 'Interest Disposal Current Account' numru 20000172190 (Dok F), u dana oltre interessi ulterjuri b'effett mit-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' disghin elf u mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltija u seba u sittin centezmu (Lm90,225.67).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut mil-llum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw ppruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------